# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ *IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

MARZU 1944

EDITORJAL

# *PARIR LILL-KITTIEBA*

*NIXTIEQU naraw aktar proża ippubblikata bil-Malti; il-letteratura tagħna jeħtiġilha li tkun mogħnija aktar b'xogħlijiet ta' proża. Għandna bil-Malti ħafna xogħlijiet żgħar, l-aktar ta' poeżija, li għalkemm tajbin, qatt ma jaslu biex jiffurmaw patrimonju letterarju nazzjonali.*

*Letteratura għolja u mseddqa trid tkun imżewqa b'xogħlijiet kbar li jsarrfu ħafna u mhux b'ħafna naqriet sbieħ kemm ikunu sbieħ; dawn inqisuhom bħala ħaġriet ċkejknin prezzjużi, imma x-xogħlijiet kbar u ta' pis isawru l-kuruna li fuqha jitwaħħal il-ħaġar għani; u mingħajr din il-kuruna f'rasha l-letteratura tagħna ma tkunx setgħana u mweġġha kemm nixtiequ narawha.*

*Hafna mill-awturi tagħna ma għandhomx iż-żmien jew is-sabar biex jinxteħtu għal xogħlijiet twal li jeħtiġilhom idumu jaħdmu u jaħsbu fuqhom ix-xhur jew is-snin; xogħlijiet bħal dawn huma ebsin wisq, imma min irid jagħmel isem bħala kittieb jeħtieġlu jmidd għonqu għalihom għax l-"opus" li jħassel isem għal awtur ma jsirx minn ħafna ntietef jew tlaqqit. Bosta kittieba tiġihom lehma, joqogħdu bil-qiegħda, jaqbdu pinna u f'radda ta' salib iħożżulek sunett jew xi poeżija oħra li aktarx jiġrilha bħal sajjetta: tilma, tleħħ, issamma' ragħda u tintemm.*

*B'daqshekk ma nsawrux letteratura għanja u li tista' toqgħod ħdejn oħrajn barranin; jekk irridu nkabbru u ngħollu l-letteratura tagħna jeħtiġilna naħdmu iebes, bil-ħerqa, bis-sabar u bil-għaqal biex noħorġu xogħlijiet kbar, sbieħ u ta' interess li ma jmut qatt.*

*G.Z.A., f'artiklu wisq interessanti: "Xewqa... u Pjan", li jidher f'dan in-numru ta' "Il-Malti", kiteb: "Kull xorta ta' kitba letterarja hija r-riżultat ta' ħafna xogħol iebes, thejjija siekta u sabar twil. Saħansitra l-aktar storja sempliċi titlob ħafna ħsieb." Dan il-parir jiswa mitqlu deheb, u l-kittieba tagħna jmisshom jaqraw dan l-artiklu tas-Sur Zarb Adami u jixtarruh tajjeb għax*

*fih tagħlim siewi. Mhux kull min jixtieq u jħoss il-ħajra jirnexxi kittieb, iżda min jibda, jissokta u jispiċċa sa l-aħħar, itemm xogħlijiet ta' min iqishom.*

*Hafna mill-awturi tagħna jistgħu kieku jridu jiktbu opri li jagħmlu ġieh lilhom u lil ilsienna, imma biex jagħmlu dan iridu jdumu jbatu u jegħerqu u jaħsbu u jħabblu moħhom u jishru u jmaħħu. Dan, jisgħobbina ngħidu, ma jagħmluhx il-kotra tal-kittieba tagħna; bosta minnhom jiktbu ħafna ntietef li jgħaddu mar-riħ u ma jħallu fejda ta' xejn.*

*U aħna dan li nixtiequ jkollna fil-letteratura tagħna: xogħlijiet ta' fejda li ma jintsew qatt, li jagħmlu ġieh lil ilsienna u lil min kitibhom.*